# ID-DAWL

MEJJU 2021 WWW.AHMADIYYA.MT NUMRU 41

"Alla ma jħarisx lejn id-dehra jew l-għana iżda jħares il-qlub u l-għemejjel tagħkom."



X'inhu l-Iżlam? | Rabbu sew lil uliedkom | Il-Ħidma Soċjali | Il-Ħiġab Iżlamiku

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

**Editorjal**

# X'INHU L-IŻLAM?

*Imam Laiq Ahmed Atif*
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta*

L-għan ewlieni ta' reliġjon huwa biex tinkiseb iċ-ċertezza dwar Alla u biex wieħed jitgħallem kif jittratta lil ħutu l-bnedmin. L-Iżlam tant huwa fidi ġenwina u ħajja li jipprovdi direzzjoni fuq dawn iż-żewġ affarijiet. X'inhu l-Iżlam? Huwa li wieħed jitlef ruħu għal Alla u li jċedi s-sodisfazzjonijiet tiegħu għal ta' Alla.

Barra minn hekk, l-Iżlam jirriforma l-kundizzjonijiet naturali tal-bnedmin u jgħollihom 'il fuq naqra naqra għal livelli ogħla spiritwali. L-Iżlam jafferma li d-dinja spiritwali hija vasta immens u b'hekk il-bnedmin jistgħu jtejbu l-livelli spiritwali tagħhom skont l-abbiltajiet tagħhom. Il-Koran Imqaddes jiddikjara li, **"Alla ma jgħabbix lir-ruħ aktar milli tiflaħ."** (2:287)

Madanakollu, huwa importanti ħafna li l-isforzi tagħna jkunu msejsa fuq is-sinċerità u l-onestà, għaliex Alla jaf sew x'hemm fi qlubna. Il-Qaddis Profeta Muhammad[sa] qal: "**Tassew, Alla ma jħarisx lejn id-dehra jew l-għana tagħkom, iżda x'aktarx iħares lejn qlubkom u l-azzjonijiet tagħkom."**

## ID-DAWL

Mejju 2021 – Numru 41 – Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Mob:** 79 606 606 | Tel: 25 606 606
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**

## INDEX

| | |
|---|---|
| What is Islam? | 02 |
| Raise your children well | 03 |
| Equal treatment of children | 03 |
| Social Work | 04 |
| Islamic Hijab | 06 |

**www.ahmadiyya.mt/id-dawl** **Il-Qoxra: ITTIGallery | Shutterstock**
**Indirizz:** Ahmadiyya Library & Office - 30 Triq Turu Rizzo, Gżira

# RABBU SEW LIL ULIEDKOM

"Ir-relazzjoni li teħtieġ konsiderazzjoni hija dik bejn il-ġenituri u l-ulied. Iż-żwieġ iqiegħed il-pedament ta' din ir-relazzjoni. L-Iżlam jordna lill-ġenituri biex irabbu sew lil uliedhom. Huwa jipprojbixxi l-qtil tat-trabi minħabba r-raġuni tal-faqar, kif kienet id-drawwa f'xi tribujiet slavaġ; jew il-qtil tal-bniet minħabba sens ta' kburija falza bħalma kien jiġri qalb xi popli mħarrġin fil-ġlied. Jekk ir-raġel ma jixtieqx li jkollu t-tfal, huwa jrid jikseb il-permess ta' martu qabel ma jirrikorri għal xi mezzi li jipprevenu l-prokreazzjoni.

## IT-TRATTAMENT UGWALI TAL-ULIED

Għal darb'oħra, l-Iżlam jgħabbi lill-ġenituri bir-responsabbiltà tal-istruzzjoni morali tat-tfal tagħhom minn meta jkunu trabi, ħalli meta jikbru jkunu membri fejjieda tas-soċjetà. Huwa jenfasizza t-trattament ugwali tal-ulied, tant li meta jikbru, jekk il-ġenituri jagħtu rigal lil xi ħadd minnhom, iridu jagħtu rigali simili lill-oħrajn.

## IT-TAĦRIĠ TAL-BNIET

Enfasi speċjali ngħatat ukoll lill-istruzzjoni, l-edukazzjoni u t-taħriġ tal-bniet. Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] kien stqarr li, **"Jekk raġel ikollu tifla u jrabbiha sewwa huwa jkun meħlus min-nar,"** jiġifieri, jekk raġel irabbi sewwa lil bintu, Alla jkun ġeneruż miegħu. Darb'oħra jgħid, **"Jekk raġel ikollu wlied bniet u subien, jew ħutu iżgħar kemm subien kif ukoll bniet, u hu jgħallimhom u jipprovdi għall-ħtiġijiet tagħhom, huwa jkun aċċettat fil-ġenna."** Bl-istess mod huwa jgħid, **"Jekk raġel ikollu tifla, u ma joqtolhiex, u ma jkażbarhiex, u ma jippreferix lil uliedu subien flokha, Alla jirregalalu l-ġenna,"** jiġifieri li dan il-proxxmu jkun ħaqqu li jirċievi sehem akbar mill-grazzja ta' Alla, u mhux li jkun liberu li jaġixxi b'liema mod jixtieq u fl-istess ħin ma tiġrilu l-ebda ħsara."[i]

---

(i) L-aspett soċjali tal-Iżlam, p. 13-14

# ID-DONAZZJONI TAL-MASKRI LILL-MCCFF



Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana Malta kienet sodisfatta ħafna li ppreżentat 10,000 maskra awtentika lill-Malta Community Chest Fund Foundation (MCCFF) għal dawk il-familji fil-bżonn. Id-donazzjoni saret lill-Madam Chair Ambaxxatriċi tal-Bord Amministrattiv Marlene Mizzi, mill-Imam Laiq Ahmed Atif, President Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta, flimkien mal-Youth Leader, Haroon Ahmad Khan.



# ID-DONAZZJONI TAL-MASKRI U S-SANITIZERS LILL-FSWS




Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana Malta ppreżentat 100 hand sanitizer u 5,000 maskra awtentika lill-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Ħarsien Soċjali (FSWS). Id-donazzjoni saret liċ-Chief Executive Officer is-Sur Alfred Grixti, mill-Imam Laiq Ahmed Atif, President Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta, flimkien mal-Youth Leader, Haroon Ahmad Khan.



# DONAZZJONI TA' FRIĠĠ-FRIŻER

L-Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta ppreżentat friġġ-friżer kbir lil Dar Nikola Saura, ir-Rabat – dar tal-anzjani tal-Knisja. Id-donazzjoni saret lis-Sur Josiah Grech, il-Kap ta' Dar Saura.

# IL-ĦIĠAB IŻLAMIKU

## Il-Projbizzjoni tal-Ħiġab fi Franza: Libertà jew Aktar Oppressjoni?

Noor-Ul-Hudah Khan, Avukat

Fir-realtà hemm differenza bejn pajjiż li jġiegħel lin-nies jilbsu lbies partikolari u pajjiż li jipprojbixxi lin-nies jilbsu lbies li jixtiequ huma? Fil-verità, it-tnejn huma oppressjonijiet.

Franza qed tħejji biex tintroduċi projbizzjoni tal-ħiġab għan-nisa kollha li huma taħt it-18-il sena. Sfortunatament, m'aħniex naraw protesti bħal meta pajjiż jimponi lin-nisa kollha biex jilbsu l-ħiġab. Għalfejn il-projbizzjoni tal-ħiġab toħloq diskussjoni?

Dan jikkontrasta ċarament mal-fatt li Franza qed tħejji biex tgħaddi liġi oħra biex l-età tal-kunsens għar-relazzjonijiet intimi tkun ta' 15. Jekk iż-żewġ liġijiet jidħlu fis-seħħ dan ma jkunx ħlief paradoss. Dan ikun ifisser li persuna 'l fuq minn 15-il sena tkun meqjusa kbira u matura biżżejjed biex tagħti l-kunsens għal relazzjoni intima, però, biex tfajla tagħżel li tilbes il-ħiġab, apparentement, ma tkunx intellettwalment matura sakemm tagħlaq it-18. M'iniex ċerta kemm dan jagħmel sens għal kulħadd, il-għaliex, biex inkun onesta, għalija ma jagħmilx sens.

Fil-maġġoranza tal-pajjiżi, minuri huwa xi ħadd li għandu inqas minn 18. Madanakollu, għadd ta' pajjiżi baxxew l-età ta' 18 għal diversi raġunijiet. F'numru ta' pajjiżi, dawk taħt it-18 ingħataw il-privileġġ li jwettqu ħafna obbligi sinifikanti b'mod awtonomu għaliex ħafna jemmnu li għandhom il-kapaċità li jagħmluhom. Pereżempju, f'xi pajjiżi, niżżlu l-età tal-vot għal 16, u f'oħrajn, iż-żgħażagħ jistgħu jsuqu waħedhom jew b'superviżjoni qabel ma jagħlqu t-18. Mhux talli li wieħed jivvota huwa ta' importanza kbira, iżda r-responsabbiltà li wieħed isuq karozza fit-triq, waqt li joqgħod attent li ma jweġġa' lil ħadd, hija ta' importanza ikbar. Madanakollu, dan huwa permessibbli f'ċerti pajjiżi għaliex jemmnu li għandhom il-ħila mentali, anki taħt l-età ta' 18, li jsuqu.

Għaldaqstant hija sfortuna kbira li f'xi pajjiżi jemmnu li tfajla taħt it-18 m'għandhiex l-intelliġenza jew il-kapaċità li tagħżel li tilbes il-ħiġab.

"Għid lil dawk in-nisa li jemmnu biex irażżnu għajnejhom u jħarsu l-partijiet privati tagħhom, u li ma juru x is-sbuħija u t-tiżjin tagħhom ħlief dak li jrid jidher u li għandhom jiġbdu l-għata ta' rashom fuq sidirhom..."
(Il-Koran, 24:32)


Zurijeta | Shutterstock

F'dan iż-żmien ta' moderniżmu, il-ġenituri huma mħeġġa li jagħtu importanza lill-vuċi tat-tfal minn età tenera. Għalhekk insibu li l-intellett u l-maturità jiżviluppaw fit-tfal mindu jkunu żgħar. B'hekk, tifla bla dubju għandha l-ħila li tieħu deċiżjoni awtonoma jekk għandhiex tilbes il-ħiġab minn età iżgħar. Għal ħafna l-ilbis tal-ħiġab ma jsirx b'mod frivolu. Ħafna bniet jagħmlu riċerka u huma mħeġġa biex jifhmu għalfejn għandhom jilbsu l-ħiġab qabel ma jieħdu r-responsabbiltà li jilbsuh. Jiena stess kelli 14 meta ddeċidejt li nilbes il-ħiġab, libera minn kull pressjoni u armata bir-riċerka tiegħi. Jiena naf ukoll bniet iżgħar minni li ħadu d-deċiżjoni huma stess.

Allura issa, jekk tfajla taħt it-18 fi Franza tistenbaħ f'jum minnhom u tiddeċiedi li tixtieq issegwi r-reliġjon tagħha u tilbes il-ħiġab imma ma tistax, għalhekk, din tkun qed tiġi inkoraġġita jew oppressa? Ħalli ninqata' minn din is-sitwazzjoni u nħares lejha minn perspettiva newtrali; żgur li xorta se nħoss li dan huwa oppressjoni tal-istat. Barra minn hekk, qiegħda ċċaħħad lit-tfajliet żgħar li jsegwu t-twemmin tagħhom u l-obbligi reliġjużi tagħhom.

# IL-ĦIĠAB OBBLIGU RELIĠJUŻ

Id-dinja tal-Punent mill-ewwel tattakka lill-pajjiżi tal-Lvant Nofsani dwar il-liġijiet tagħhom li jimponu l-għata tar-ras, u tikkundannahom għan-nuqqas tal-libertà tal-għażla. Bażikament mhux hekk qed tagħmel Franza bħalissa? Tiċħad l-għażla tal-mara?

M'iniex ċerta x'tip ta' theddid jista' l-ħiġab jagħmel fuq is-soċjetà. Kulma naf huwa li jiena nilbes il-ħiġab għaliex inqis li huwa dmir reliġjuż tiegħi, u sinjal ta' dinjità u modestà. Dan għaliex għal mara Musulmana l-ħiġab għandu sinifikat aqwa mid-dehra fiżika tiegħu. Għalhekk, nixtieqkom tifhmu kif biċċa drapp fuq ir-ras tista' tkun ta' theddida għas-soċjetà?

Biex nagħlaq, li ċċaħħad mara milli tagħżel x'għandha tilbes huwa inġust daqskemm iġġiegħel mara tilbes xi ħaġa.

Nixtieq li l-qarrejja jifhmu li din hija espressjoni ta' simpatija u dispjaċir hekk kif nara s-soċjetà ssir inqas tolleranti meta qed tillimita l-libertà ta' mara fl-hekk imsejħa "free world". Nikkonsidra dan bħala attakk fuq il-libertà tal-għażla tal-mara u nara l-libertà tal-mara tonqos. Din l-impożizzjoni fuq il-mara hija libertà u tqawwija tan-nisa jew hija aktar oppressjoni?

"U huma (in-nisa) għandhom drittijiet simili u ugwali għal dawk (tal-irġiel) fl-ekwità." (Il-Koran, 2:229)

"Min jagħmel il-ġid, raġel jew mara, u jemmen, dawk jidħlu l-Ġenna u fiha jingħataw ġid bla qies." (Il-Koran, 40:41)

**IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD**

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**